# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lara Butters u Herman Mula)**

**vs**

**Alban Josef Saliba**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Alban Josef Saliba**, numru tal-Karta tal-identita' 0533379M fejn ġie mixli talli :

F'dawn il-Gżejjer, fi Triq il-Balliju Gutenberg kantuniera ma G Calleja, Swatar, nhar it-3 t'April 2016 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar : -

1. Ġiegħel żiemel isofri wġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn;
2. Talli bħala persuna li żamm jew li qabel li jżomm annimal għandu ma kienx responsabbli għat-trattament xieraq tiegħu;
3. Bħala persuna li għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli

għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal (inqast li tieħu dawn il-passi). Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Rat li matul is-seduta tal-5 t'April 2016 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 11 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Joseph Brincat tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi qabel xejn matul it-trattazzjoni ta' dan il-każ, il-Prosekuzzjoni, b'mod mill-aktar lejali u professjonali ikkonċediet li mill-provi prodotti ir-reati ipotizzati fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma jirriżultawx, għalkemm żammet ferma mal-posizzjoni tagħha fir-rigward tal-ħtija tal-imputat relattivament għall-ewwel imputazzjoni. Għalhekk din il-Qorti mhix serja tiddelunga wisq fuq it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u ser tikkonċentra l-eżami tagħha fuq l-ewwel imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fil-qosor dan il-każ ġie istitwit wara li l-Pulizija irċeviet informazzjoni li fuq il-medja soċjali kien qiegħed jiġi ċirkolat filmat li kien juri raġel li ma' ġenbu kien hemm żiemel mixħut mal-art fuq ġenb minnhom u liema żiemel kien qiegħed jipprova jqum. Waqt li dan iż-żiemel kien mal-art jissielet biex iqum dan ir-raġel deher jagħti lil dan iż-żiemel bi frosta. Filfatt dan il-filmat ġie mxandar mhux biss fuq il-medja soċjali

iżda wkoll ġie muri f'xi servizzi tal-aħbarijiet. Minn aktar stħarriġ intensiv magħmul mill-Pulizija irriżulta li r-raġel li fid-data, ħin u lok imsemmija fil-komparixxi kien qiegħed jagħti lil dan iż-żiemel bil-frosta kien l-imputat u li dan iż-żiemel kienet debba. Konsegwentement l-imputat ġie mixli, *inter alia*, b'moħqrija ta' annimal.

Qabel xejn din il-Qorti tippreċiża li qieset dan il-każ biss u esklussivament in bażi għal evidenza li hija legalment ammissibbli u li tresqet quddiemha. Hija qieset ix-xiehda tal-persuni kollha li tresqu quddiemha, inkluż ta' Jesmine Bugre, xhud okulari ta' dan l-inċident u dik li kienet il-persuna li stqarret li ġibdet il-filmat li kif intqal aktar il-fuq ġie mxandar mal-erbat irjieħ. Id-difiża pprostestat li dan il-filmat jiġi ammess bħala prova ammissibbli minħabba n-nuqqas ta' kontroll kemm fir-rigward ta' kif ittieħed, kif ġie priżervat u jekk ġiex ukoll editjat. Biss anke jekk dan il-filmat jitħalla barra mill-provi f'dan il-każ, din ix-xhud xorta xehdet b'mod ċar dwar dak li hija rat b'għajnejha u semgħet b'widnejha stess meta l-imputat kien qiegħed jagħti bil-frosta lid-debba. Id-deskrizzjoni tagħha tal-inċident kien ċar biżżejjed biex din il-Qorti setgħet tifhem dak li seħħ, bil-filmat jew mingħajru. Il-Qorti straħet fuq il-provi li nġiebu quddiemha u ma ħaditx kont ta' fatturi oħra li setgħu dehru jew ġew mistqarra band'oħra.

*Ikkunsidrat : -*

Illi ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fid-data, ħin u lok imsemmija fil-komparixxi l-imputat uża frosta; uża din il-frosta fuq żiemel (li rriżulta li kienet debba); u li uża din il-frosta għal aktar minn darba fuq id-debba waqt li din kienet mal-art mixħutha fuq ġenbha tipprova tqum minn mal-art. Dan joħroġ ċar minn dak li xehdet Bugre dwar dak li rat u li qalet li hija ġibdet fil-filmat.

Dil-Qorti trid tara issa jekk dak li deher jikkostitwix ir-reat li bih l-imputat huwa mixli fl-ewwel imputazzjoni. Dan ir-reat jitnissel mill-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u jippreskrivi li

> (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.

Skont kif mistqarr minn dawn il-Qrati dan ir-reat huwa ta' natura delittwali u mhux kontravvenzjonali. Dawn il-Qrati ma kkunsidrawħx bħala reat ta' *strict liability* jew *technical offence*.[1] L-anqas ma huwa ritenut reat kontravvenzjonali fejn skont dak mistqarr mill-imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Mary Simiana*** tas-6 ta'

[1] Ezempju : fil-kawża ***Il-Pulizija vs Noel Grech***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Settembru 2009 mill-Imħallef Joseph Galea Debono, ir-regolament 18(1)(a) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 ġie ritenut bħala li huwa "*technical offence*" u dan l-Imħallef tenna li m'hemmx għalfejn jirriżulta xi movent, intenzjoni speċifika jew ġenerika konnessa mal-kaċċa jew ma xi tentattiv ta' kaċċa. Is-sempliċi ġarr ta' munizzjoni fil-perijodu projbit ġie meqjus li jammonta għal ksur tal-liġi.

Marzu 1954 l-element psikiku hu sodisfatt bis-sempliċi volontarjeta', bla ma jeħtieġ l-element doluż: imma hemm bzonn dejjem li l-imputat ikun ried il-fatt.

Illi għalhekk dan ir-reat irid ikun kompost kemm minn *actus reus* kif ukoll minn *mens rea*.[2] F'dan il-każ, sabiex din il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fl-imputat Saliba il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mhux biss l-att ta' użu tal-frosta fuq din id-debba, iżda wkoll li meta Saliba sawwat lil din id-debba bil-frosta huwa għamel dan bil-ħsieb u l-intenzjoni li : -
(a) jikkawża wġiegħ, tbagħtija jew dwejjaq lil din id-debba u
(b) li għamel dan bla bżonn.

Minn dan jirriżulta li l-użu tal-frosta fuq id-debba waħdu mhux biżżejjed biex il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fih. Mhux biżżejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova l-att li bih imputat ikun setgħa kkawża lil xi annimal uġiegħ, tbatija jew dwejjaq. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova **wkoll** lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li

(1) meta l-imputat ikun għamel dan l-att li bih ikkawża lil xi annimal uġiegħ, tbatija jew dwejjaq, ikun wettaq dan l-att bil-ħsieb f'moħħu li volontarjament jikkawża tali uġieġħ, tbatija jew dwejjaq fuq id-debba u

[2] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Audrey Demicoli fil-kawża ***Il-Pulizija vs Elton Saliba*** deċiża nhar is-16 t'Ottubru 2015.

(2) kif ukoll li jkun għamel dan bla bżonn, u għalhekk ikun hemm motivi li jkunu futili jew ma jkun hemm ebda motiv ta' xejn.

Għalkemm il-Qorti qieset ix-xiehda kollha li tresqet quddiemha hija sejra tirriproduċi u tikkummenta fuq dawk is-siltiet mix-xiedha li fil-fehma tagħha kienu l-aktar importanti għas-soluzzjoni ta' dan il-każ.

Jesmine Bugre, ix-xhud okulari, tixhed a fol 72 li meta waslet fuq il-post tal-inċident hija rat żiemel li kien jinsab mimdud mal-art fuq ġenb minnhom u lill-imputat jagħtih bil-frosta. L-imputat beda jieqaf, imbagħad ikompli jtih bil-frosta u semgħatu jgħid li ż-żiemel kien ġralu xi ħaġa u li ma setgħax iqum għaliex kien ġralu xi ħaġa. L-imputat beda jagħti xi erba jew ħames daqqiet liż-żiemel u mbagħad jieqaf. Hija tgħid li meta ż-żiemel ingħata d-daqqiet bil-frostin hija ratu qiegħed jipprova jiċċaqlaq u jqum iżda kien donnu li ż-żiemel ma setgħax iqum minkejja d-daqqiet tal-frostin.

Hija żżid li viċin ta' fejn kien hemm dan iż-żiemel kien hemm xi tlieta jew erbgħa minn nies; iżda ħadd minnhom ma prova jagħti daqqa t'id lill-imputat biex jipprova jqajjem lil dan iż-żiemel. Hija tgħid li dan iż-żiemel kien jinsab mal-art fi triq li kienet *one way* u kien hemm ukoll it-traffiku li kien qiegħed jinġema' għaliex it-triq kienet ibblokkjata biż-żiemel li kien fit-triq mal-art.

Hija għażlet li tieħu dan il-filmat għaliex rat iż-żiemel li kien qiegħed iferfex mal-art u qisu ried iqum u ma setgħax iqum u ħadet dan il-*video clip* biex ikollha l-provi u bis-saħħa tiegħu ċemplet lill-*animal welfare*. Bugre tixhed li għalkemm l-imputat ta dawn id-daqqiet bil-frosta lil din id-debba dawn id-daqqiet ma bediex jagħtihom ripetutatment mingħajr waqfien. Din il-Qorti hija konvinta mir-rieda tajba ta' din it-tfajla li mqanqla minn sens ċiviku ħasset li kellha tiġbed din ix-xena bħala prova biex l-*animal welfare* jieħdu azzjoni kontra dak li f'għajnejha dehret moħqrija ta' żiemel.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni speċjali wkoll tax-xiehda tal-uffiċjali adetti mal-*animal welfare* kif ukoll il-veterinarju li marru jinvistaw lid-debba l-għada tal-inċident de quo. Mix-xiehda ta' Dennis Sciberras, *animal welfare coordinator*, a fol 88, jirriżulta li l-għada tal-inċident huwa mar fil-post fejn tiġi miżmuma d-debba. Huwa setgħa jara li d-debba ma kellha ebda ġrieħi u kien għad għandha l-għaraq mill-ġurnata ta' qabel u għalhekk kien jirriżulta li d-debba kienet għadha ma ġietx maħsula. Setgħa jara li d-debba kellha effetti tal-waqa li kienu jidhru, iżda ebda sinjali viżibbli ta' swat bil-frosta.

Dwar dan is-swat li skont dan ix-xhud deher fil-video li ġie ċirkolat fuq il-mezzi medjatiċi, jgħid hekk :

> xejn gravi jiġifieri ma kien hemm dan il-video li telgħa minħabba dak is-swat li kien qiegħed jidher nassigurak li ma rajt l-ebda ġerħa bid-daqqiet li beda jagħti jew intwera minn dak il-video. Nista' ngħidlek ukoll li għal debba ta' tnejn u għoxrin sena...tinsab b'saħħitha ħafna..

Dan ix-xhud kompla jżid li l-imputat u familtu kienu nies li jidhru li jħobbuhom ħafna liż-żwiemel. Żied jgħid ukoll, anzi assigura lill-Qorti, li ma huwiex tajjeb li żiemel jitħalla mal-art għal ħin twil ħafna b'mod partikolari f'*main road* fejn anke setgħu jiġu karozzi u minħabba f'hekk jiżdiedu l-problemi. Huwa jtenni li l-imputat kien fid-dover li jara kif jagħmel biex iqajjem lid-debba minn mal-art fl-iqsar żmien possibbli. Peress li l-imputat kien waħdu ma setgħax jaqbad u jħoll l-apparat minn ma wiċċ id-debba għax jekk ineħħih setgħa jkun hemm konsegwenzi aktar serji, jekk mhux ukoll fatali u dan għax kieku dan iż-żiemel ħarab għax setgħa anke jkisser karozzi.

Dan l-*animal welfare coordinator* jisħaq li meta ra l-video, huwa setgħa jara li l-imputat ma kienx irrabjat jew indannat jew li kien qiegħed isawwat liż-żiemel għax kien irrabjat jew indannat. Anzi dan jirribadixxi li l-imputat kien qiegħed biss "imissu daqsxejn hekk bil-frosta, fil-fatt nassigurak li ma kien hemm l-ebda qasma tal-frosta biex jgħinu biex jitla' fuq saqajh". Għalkemm dan ix-xhud jikkonċedi li hemm modi differenti kif żiemel jiġi mqajjem minn mal-art l-imputat kien jinsab waħdu meta d-debba waqgħet mal-art u dan kien ipoġġi lill-imputat f'posizzjoni diffiċli ferm biex jikkontrollaha. Huwa jżid jgħid li l-frostin fil-fatt huwa għodda għaż-żwiemel li hija użata mhux biss biex jiġi milqut iż-żiemel iżda wkoll biex jagħmel daqsxejn ħoss. Fil-fatt dan ix-

xhud jgħid ukoll li żwiemel tat-tiġrija jistgħu ukoll ikunu mogħtija sa tliet daqqiet fuq ġisimhom!

L-*animal welfare officer* Joseph Cassar jixhed a fol 108 u jgħid li l-għada tal-inċident huwa skopra min kien sid iż-żiemel u mar fuq il-post fejn kien jinżamm. Hemmhekk kien akkumpanjat minn kollega tiegħu kif ukoll mill-pulizija u l-veterinarju. Dax-xhud ukoll ra lid-debba u jtenni li għall-eta li għandha kienet għadha tajba. Huma jgħid li ma rax marki viżibbli ta' daqqiet. Dak li ra li kellha d-debba fuq in-naħa tal-lemin tagħha kien f'saqajha.

Xehdet ukoll il-veterinarju Vanessa Messina li tgħid li d-debba li rat hi kienet maħmuġa u li probabbilment żelqet minħabba li *"the horse shoes was not able to touch the floor"*. Id-debba kienet miġugħa bħala konsegwenza tal-waqa'. Hija tgħid li ma kien hemm ebda sinjali viżibbli li setgħu juru li d-debba kienet ġiet imsawta bil-mezz ta' frosta.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-kumpless ta' din ix-xiehda jirriżultaw diversi aspetti li, b'mod partikolari għal min ma jifhimx f'dan il-qasam tat-trobbija, żamma, tmexxija u kura taż-żwiemel jistgħu jidhru xi ftit strambi jekk mhux ukoll xokkanti. Hekk per eżempju ġie pruvat li huwa meħtieġ li kemm biex jinżamm żiemel taħt kontroll u b'mod partikolari meta jinħareġ fit-

triq huwa meħtieġ li min isuqu jkun armat bi frostin. Il-frosta tista' tiġi wżata mhux biss biex tagħmel ħoss iċaqċaq u tiġbed l-attenzjoni taż-żiemel biex ma jitlifx l-attenzjoni fit-triq jew jitgerfex, iżda wkoll tista' tiġi wżata fuq ġisem iż-żiemel f'ċerti ċirkostanzi. Ġie ribadit ukoll fix-xiehda li anke fit-tiġrijiet taż-żwiemel huwa permissibbli li tiġi wżata l-frosta fuq ġisem iż-żiemel, dment li din tintuża f'parametri ristretti u kontrollati. Dan ifisser li l-użu ta' frosta fuq żiemel hija rikonoxxuta minn dawk li jrabbu u jieħdu ħsieb iż-żwiemel, bħala parti mill-għodda essenzjali li għandhom ikollhom biex ikunu jistgħu jikkontrollaw iż-żwiemel, annimali ta' daqs kbir, meta jkunu qegħdin jirkbuhom jew imexxuhom jew itelqu bihom. Tista' tintuża wkoll biex żiemel li jkun waqa' mal-art jiġi stimulat li jqum fuq saqajh.

*Ikkunsidrat : -*

L-imputat minn naħa tiegħu fi ftit kliem itenni li huwa minnu li d-debba żelqet ħdejn tumbata fl-art u waqgħet mal-art. Huwa kien waħdu u kull ma għamel dak il-ħin kien li uża l-frosta sabiex ikun jista' jgħin lid-debba biex tqum fuq saqajha kemm jista' jkun malajr. L-imputat kien beżgħan li d-debba setgħet tweġġgħa aktar kieku kienet imħollija mitluqa mal-art. Biss minkejja li huwa messha ftit bil-frosta, id-debba xorta ma setgħetx tqum. Kien għalhekk li ċempel lil ħuh li f'qasir żmien mar ħdejh u bl-għajnuna tiegħu irnexxielhom iqajmu lid-debba minn

mal-art. Huwa jtenni li l-frostin huwa għodda għaż-żwiemel u li huwa kellu din id-debba għal qalbu u li bl-ebda mod ma ried li jweġġgħaħha.

*Ikkunsidrat : -*

Għalkemm jista' jkun xokkanti għal diversi nies, b'mod partikolari għal dawk li jgħidu li għandhom għal qalbhom l-annimali, f'dan il-każ ġie pruvat żgur sal-grad tal-probabbli (u b'mod partikolari anke grazzi għax-xiehda tal-*animal welfare officers* li żgur ħadd ma jista' jgħid li ma għandhomx l-annimali għal qalbhom jew li ma jagħmlux minn kollox biex iħarsulhom id-drittijiet tagħhom) li frostin huwa għodda li sid jew sewwieq ta' żiemel jista' juża sabiex b'diversi modi jgħinu jikkontrolla lil żiemel f'diversi ċirkostanzi li dan jista' jsib ruħu fihom.

Mill-assjem tal-provi prodotti, din il-Qorti hija konvinta, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-intenzjoni tal-imputat meta huwa ġie biex juża l-frosta fuq id-debba meritu ta' dan il-każ ma kienx li jaħqar, jew li jġiegħel lid-debba li ssofri wġiegħ, jikkawża tbgħatija jew idejjaq lil din id-debba, bla bżonn.

Għalkemm minn dak li xehdet Jasmine Bugre jista' jidher li l-imputat għamel ġesti vjolenti meta huwa uża l-frosta fuq din id-debba, ġie ukoll pruvat li huwa għamel dan mhux għaliex ried iweġġgaha, iġegħlha

tbaghti jew idejjaqha bla bżonn iżda għaliex dak il-ħin u f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari, waħdu kif kien, ħaseb f'moħħu li dak kien l-aktar mezz effiċjenti u effikaċi li bih setgħa, jirnexxielu jerġa jieħu kontroll tad-debba, iqajjimha fuq saqajha u jevitalha konsegwenzi ta' tbagħtija akbar li kieku baqgħet mixħuta mal-art. Biss għal diversi raġunijiet huwa ma rnexxielux jieħu kontroll tagħha u kien biss meta wasal ħuh li rnexxielhom flimkien jalzaw lid-debba.

Pero minbarra din l-evidenza ċirkostanzjali kif ukoll diretta dwar l-intenzjoni vera li kellu l-imputat meta uża l-frosta fuq id-debba f'dan l-inċident, hemm fatturi oħra importanti li juru jekk id-daqqiet li l-imputat effettivament ta lid-debba kienux daqqiet b'saħħa tali li juru jekk riedx iweġġgħha jew inkella riedx jagħmel xi ħaġa oħra differenti.

Il-fatt li jum wara l-inċident la l-*animal welfare officers* u l-anqas it-tabib veterinarju ma raw sinjali esterni ta' daqqiet ta' frosta fuq ġisem din id-debba jkompli jsaħħaħ il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li fil-fatt ix-xiehda tal-imputat li huwa mess lid-debba bil-frosta u mhux sawwatha bil-frosta għandha mis-sewwa. Il-Qorti temmen li kieku l-imputat ta daqqiet bis-saħħa bil-frosta fuq ġisem id-debba, hija kienet tistenna li almenu jkun hemm xi sinjali viżibbli ta' dawn id-daqqiet l-għada tal-inċident.

Biss l-anqas dawn ma kien hemm. Dan ikompli juri kemm fil-fatt id-daqqiet li l-imputat ta lil din id-debba ma kienux daqqiet bis-saħħa u għalhekk huma kompatibbli ma daqqiet li l-ħsieb tagħhom kien li jistimola lid-debba biex tirreaġixxi għall-waqa u ma kienux intiżi li lil din id-debba iweġġgħuha, jikkawżawlha tbagħtija jew dwejjaq, bla bżonn.
Anke jekk għall-grazzja tal-argument dawn id-daqqiet setgħu ikkawżaw xi wġiegħ f'din id-debba (fatt li pero ma ġiex soddisfaċentement ippruvat) xorta jibqa' l-fatt li l-imputat ma kkawżax dan l-uġiegħ bla bżonn. Għalkemm hemm ġie pruvat li hemm metodi differenti kif żiemel mal-art jista' jiġi mqajjem fuq saqajh, il-Qorti ma tistax tgħid li fiċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-imputat ma kienx hemm bżonn attwali li jieħu dawk il-miżuri li ħass li kienu l-aktar indikati fiċ-ċirkostanzi li kien fihom biex jipprova jqajjem lid-debba fuq saqajha.

L-eżami li din il-Qorti trid tagħmel f'dawn il-każijiet huwa wieħed kumpless. Trid tqis iċ-ċirkostanzi li fihom l-annimal ikun jinstab b'mod oġġettiv qabel u waqt li tkun ġiet eżerċitata vjolenza fuqu. Iżda meta tiġi biex tqis x'kienet l-intenzjoni tal-persuna li tkun użat xi att ta' forza fiżika fuq annimal, il-Qorti trid tagħmel dan billi tanalizza l-intenzjoni tal-aġent b'mod soġġettiv fil-mument meta huwa jkun qiegħed jeżerċita tali forża fiżika – ċjoe trid tara kif l-aġent ikun aġixxa fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari u tara wkoll ir-raġuni għaliex huwa kien aġixxa b'dak il-mod.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax serenament tikkonkludi li l-imputat, f'dawk iċ-ċirkostanzi deskritti aktar il-fuq volonotarjament sawwat lil din id-debba biex iweġġagha, jikkawżalha tbagħtija jew dwejjaq, bla bżonn. Anzi jekk xejn l-intenzjoni tiegħu kienet bil-kuntrarju. U f'dan il-każ, soġġettivament ma jirriżultawx l-estremi li huwa ried iweġġa, jaħqar jew idejjaq lil din id-debba, bla bżonn. Anzi bżonn kien hemm u dan irriżulta wkoll mill-provi. L-eżami ta' dak li għadda minn moħħ l-imputat irid isir billi wieħed japprezza u jifhem dak li kien imdawwar bih l-imputat dak il-ħin li aġixxa.

Inoltre, mill-provi prodotti jirriżulta pruvat sal-grad tal-probabbli li l-imputat hu bniedem li din id-debba iħobbha kif jaf. Huwa jagħraf li din id-debba kienet ilha magħhom għal tnejn u għoxrin sena sħaħ, u hu u missieru għażlu li minflok jeħilsu minnha u joqtluha, għażlu li jżommuha ħajja u jkomplu jieħdu ħsiebha sakemm tmut b'mod naturali u dan għaliex din id-debba kienet wieħed mill-mezzi għall-għixien tagħhom għal ħafna snin. L-anqas li ħassew li setgħu jagħmlu kien li juru r-rikonoxximent tagħha lejha, kif jafu huma, billi jżommuha ħajja u jkomplu jitimgħuha u jipprovdulha saqaf u kura li naturalment għalihom ifissru wkoll spejjeż kbar u paċenzja enormi. Dawn ma humiex ċirkostanzi tipiċi ta' persuna li tkun tħobb taħqar l-annimali.

Morali:

1. Dan huwa verament każ fejn l-apparenza, bosta drabi tista' tinganna; bosta drabi hemm differenza bejn dak li jkun jidher u r-realta' tal-fatti.
2. Kif jgħid il-kittieb u poeta Ingliż Alexander Pope f'*An Essay on Criticism* tal-1709 : *A little learning is a dangerous thing*;
3. U finalment daqskemm huwa importanti li wieħed jieħu ħsieb u jħobb lill-annimali hekk ukoll huwa importanti aktar li wieħed jitgħallem iħobb u jirrispetta qabel xejn lill-bnedmin l-oħra; għax fl-aħħar mill-aħħar, anke l-bniedem huwa annimal.

## *DECIDE*

Li qegħda ssib lil **Alban Josef Saliba mhux ħati** tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum it-8 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont